MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1191/2005

**Mirage Holdings Limited (C6808)**

**Vs**

**Antoinette Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob s-somma ta' tlett mija erbgha u erbghin Lira Maltin (LM344.00) bhala bilanc in kwantu ghal tlett mija u dsataxx Lira Maltin (LM319.00) bhala prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkunsinjata u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00) dovuta bhala imghaxijiet legali fuq l-istess.

Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuta li permezz taghha teccepixxi lli t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-ekwita' stante:

1. Illi l-impjegati tas-socjeta' attrici kkkawzaw hsara fil-proprjeta' tal-konvenuta bhala rizultat tal-konvenuta bhala rizultat ta' negligenza u nuqqas ta' hila u sengha fl-arti, liema hsarat huma soggett ta' kontrotalba kontestwali fl-ammont ta' mitejn u ghaxar Liri Maltin ( LM210.00);

2. Illi il-bilanc ta' mija u disa' Lira Maltija (LM109.00) mhuwiex ikkontestat u qieghed jigi offert minghajr pregudizzzju u minghajr kundizzjonijiet lis-socjeta' attrici, salv l-ispejjez u l-imghaxijiet.

3. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-konvenuta ipprezentat kontrotalba fl-ammont ta' mitejn u ghaxar Liri Maltin (LM210.00) kontra s-socjeta' attrici bhala danni kkawzati mis-socjeta' attrici fil-fond residenzjali tal-konvenuta.

Ra r-risposta ghal kontro talba fejn gie sollevat illi:
1. is-socjeta' attrici ma tahtix ghal hsarat allegati mill-konvenuta u dan ghaliex kwalunkwe' xoghlijiet li saru gew ezegwiti skond l-arti u s-sengha u skond l-istruzzjonijet tal-istess konvenuta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-konvenuta huwa ezagerat.

3. Illi t-talbiet tal-konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Ra x-xhieda moghtija minn rapprezentant tas-socjeta' attrici Luciano Martinelli, Guzi Zahra, Massimo Zahra u tal-konvenuta Antoinette Camilleri u tal-kuntrattur tal-konvenuta Abdel Kahim ak Ahmed;

Ra l-atti tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Din il-kawza tirrigwarda bejgh, konsenja u tqeghid ta' air conditioning unit mis-socjeta' attrici lill-konvenuta u li l-konvenuta tghid li l-impjegati tas-socjeta' attrici garbulha hsara f'hwejjigha, meta l-impjegati tas-socjeta' attrici hafru toqba fil-hajt u faqghu l-'graffiato' mall-hajt tal-faccata tal-proprjeta' taghha. Jidher illi s-socjeta' attrici baqghet ma thallsitx mil-konvenuta ghal prodott mixtri u installat.

Il-konvenuta kontestwalment mar-risposta ghamlet kontrotalba fl-ammont ta' mitejn u ghaxar Liri Maltin ( LM210.00) kontra s-socjeta' attrici ghll-hsarat minnha subiti.

Is-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat l-apparat taghha lill-konvenuta. Dan l-apparat huwa 'air conditioning unit' u li l-impjegati tas-socjeta' attrici kienu marru fuq il-post biex iwahhlu dan il-'unit,' izda meta wasslu fuq il-post jidher illi kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-haddiema tas-socjeta' attrici u l-konvenuta dwar fejn u kif kellu jitwahhal dan 'l-air conditioning unit.'

Mid-dokumenti u x-xhieda tas-socjeta' attrici jirrizulta li baqa' kont pendenti ta' tlett mija u dsataxx -il Liri Maltin (LM319.00) li hu l-prezz tal-air conditioning unit . Inkluz fl-ammont ta' tlett mija u dsataxx -il Liri Maltin (LM319.00) hemm hamsin Liri Maltin (LM50.00) ghall-installazzjoni tal-istess.

Illi mix-xhieda tal-konvenuta hija trid li tithallas is-somma ta' mitejn u ghaxar Liri Maltin (LM210.00) ghat-tiswija tal-faccata li ngarbitilha fil-faccata tal-proprjeta' taghha, li hu miksi bill-'graffiato.'

Din il-kawza titratta dwar zewg tezi konfliggenti u t-Tribunal ghandu l-obbligu li jkun gust u ekwu.

It-Tribunal, jirrileva li trattandosi ta’ zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li meta saret l-ordni ghall-*air conditioning unit*’ bl-installazjoni, allura r-responsabbilita’ ghall-installazzjoni tal-*air conditioning unit* skond is-sengha u l-arti taqa’ fuq min qieghed jinstalla. Min qieghed jinstalla ghandu r-responsabbilita’ illi jassigura lli l-lok fejn ghandu jigi installat l-apparat huwa lok adegwat, u ghandhom jittiehdu l-prekawzjonijiet necessarji skond is-sengha u l-arti qabel ma jitwahhal l-*apparat tal-air conditioning unit* sabiex jigu evitati xi hsarat strutturali fil-post fejn ha jkunu ha jwahhlu l-apparat. Fil-fehma tat-Tribunal, galadarba is-socjeta’ attrici dahlet ghar-responsabbilita’ tal-installazjoni hi ghandha tara illi x-xoghlijiet isiru sewwa u li jigu evitati hsarat. Kwalunkwe fond li ha jzuru n-nies tas-socjeta’ attrici sabex iwahhlu l-appart huwa differenti u ghalhekk kull lok li ha jkunu jahdmu fih ghandu jigi evalwat separatament minn lok iehor.

Skond ix-xhieda tas-socjeta’ attrici jidher illi ma kienx hemm qbil fejn kellu jigi installat l-apparat. Is-Socjeta’ attrici tghid illi l-konvenuta riedet illi l-pajpijiet tal-apparat jigu installati mis-saqaf izda huma ma riedux jidhlu responsabbli ghat-thaffir fis-saqaf. Skond il-parir taghhom il-pajpijiet tal-‘air conditioning unit’ kellu jsir minn mall-hajt ghal gol-gallarija.

Il-konvenuta minn naha l-ohra tghid illi ssugeriment tat-tqeghid tal-pajpijiet min gos-saqaf kien maghmul mis-socjeta’ attrici u mhux minnha. Izda l-vertenza ta’ din il-kawza mhijiex it-tqeghid tal-pajpijiet fis-saqaf izda it-thaffir tat-toqba minn mall-hajt ghall-gol gallarija liema toqba faqghet il-‘graffiato’ tal-faccata. Din it-toqba thaffret minn gewwa ghal barra. Izda skond ix-xhieda teknika tal-kuntrattur dan it-thaffir kellu jsir minn barra ghal gewwa u

dan sabiex jissalvagwardjaw ‘il-graffiato’ u jekk kemm-il darba kellu jsir xi hsara minn mall-hajt kien ikun il-hajt ta’ gewwa u mhux ta’ barra.

Jidher illi skond ix-xhieda tas-socjeta’ attrici huma offrew lill-konvenuta lli jaghmlu t-tiswijiet fil-‘graffiato’ izda hija ssostni lli skond il-parir tekniku l-‘graffiato’ ma jistax jitraqqqa’ izda l-pjanca shieha ghandha ssir mill-bidu. Ghalhekk, is-suggeriment ta’ kif ghandhom jissewew il-hsarat mis-socjeta’ attrici inkarigata ghall-installazjni tal-prodott ma kienx accettabbli mill-konvenuta.

Skond ix-xhieda tal-partijiet jidher illi kien hemm nuqqas ta’ ftehim fejn kellha ssir it-toqba ghall-pajpijiet. Minn naha tas-socjeta’ attrici qalu lli kienu ftehmu mall-kuntrattur illi ma kellhomx jghaddu l-pajpijiet minn gis-saqaf u ma kienx kuntrarju ghat-thaffir fejn kienet saret it-toqba.

Skond ix-xhieda tal-konvenuta u tal-kuntrattur l-istruzzjonijiet kienu cari. L-haddiema tas-socjeta’ attric jkellhom jistennew lill-kuntrattur u ma jaghmlu xejn qabel ma jigi hu.

Jidher illi kien hemm nuqqas ta’ kommunikazzjoni u fil-frattemp it-toqba thaffret mis-socjeta’ attrici u skond ix-xhieda taghhom, it-thaffir kien sar minn gewwa ghal barra, dejjem skond is-sengha u l-arti.

Il-kuntrattur li ha hsieb il-faccata kollha tal-‘graffiato’ minn banda l-ohra isostni lli fejn ikun hemm hajt bil-‘graffiato’ it-thaffir ta’ toqba ghandu jsir minn barra ghal gewwa sabiex jtigi evitatati hsarat fil-pjanca tal- ‘graffiato.’

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-installaturi ghandhom ir-responsabbilita’ lli qabel ma jibdew ix-xoghlijiet taghhom ghandhom jinvestigaw bir-reqqa il-post fejn ikunu qieghdin jahdmu. Fil-fehma tat-Tribunal ir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici ghamlu l-evalwazzjonijiet li kellhom jaghmlu fuq il-post ta’ fejn kienu ha jahdmu u bdew il-preparamenti ghall-installazzjoni.

Meta haffru t-toqba parti mill-faccata tal-fond inqala.’

It-Tribunal jidhirlu lli ghal dan in-nuqqas m'ghandux ibati l-klijent.

Ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu lesti jirreparaw il-hsara izda mhux kif riedet il-konvenuta dejjem skond il-parir tal-kuntrattur taghha.

Fil-fehma tat-Tribunal, huwa ghandu joqghod fuq il-parir tal-kuntrattur li huwa il-bniedem tekniku u li ghandu s-sengha fit-tqieghed tal-'graffiato.'

It-Tribunal jinnota illi s-socjeta' attrici bejghet l-apparat bl-installazjoni f'Mejju tal-2004.

Illi a fol. 38 hemm stima datata 30 ta' Mejju, 2004 ta' mija u ghoxrin Lira Maltija (LM120.00) ghar-riparazzjonijiet tal-hsarat maghmula mis-socjeta' attrici fil-faccata proprjeta' tal-konvenuta, u a fol. 36 hemm stima ohra datat 22 ta' Gunju, 2004 ghall-istess xoghlijiet ta' riparazzjonijiet fuq il-faccata ghal mitejn u ghaxar Liri Maltin ( LM210.00).

Illi t-Tribunal jidhirlu lli l-istima a fol. 38 hija l-istima attwali li biha l-konvenuta kellha taghmel ix-xoghlijiet riparativi fuq il-faccata taghha u mhux skond l-istima ohra a fol. 36 li hija datata 22 ta' Gunju, fejn il-prezz oghla b'disghin Lira Maltin (LM90.00)

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas l-ammont ta' tlett mija u dsataxx Lira Maltin (LM319.00) prezz tal-'air conditioning unit bl-installazzjoni. Fil-waqt illi fir-rigward tal-kontrotalba it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-kontrotalba in parte u jikkundanna lis-socjeta' rikonvenzjonata thallas is-somma ta' mija u ghoxrin Lira Maltija (LM120.00) lill-konvenuta rikonvenzjonanti Camilleri. Ghalhekk, l-ammont finali li l-konvenuta Camilleri ghandha thallas lis-socjeta' attrici wara lli tigi imnaqqsa s-somma ta' mija u ghoxrin Lira Maltija (LM120.00) ghat-tiswijiet tal-faccata, huwa dak ta' mija disgha u disghin Liri Maltin (LM199.00) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tlett kwarti ghas-socjeta' attrici u kwart ghal konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------